# Korpi Santi

minn Tony Terribile

F'dawn il-jiem festivi f'ġieħ Marija Immakulata, il-knisja kolleġġjata ta' Bormla jkun fiha għaxqa għaliex fiha wieħed ikun jista' jara u japprezza opri kbar ta' l-arti bħal m'huma xogħlijiet ta' pittura, skultura, arġenterija, paramenti sagri u tant ħwejjeġ oħra.

Dawk kollha li għandhom għal qalbhom l-arti tal-gżejjer tagħna għandhom xalata ta' ħwejjeġ mill-aqwa, iżda f'dawn l-istess jiem festivi, il-ventartali tal-fidda armati fl-artali laterali ta' San Kristoforu, ta' San Dimitri u ta' San Mark, ikunu qegħdin jgħattu warajhom tliet xbihat ta' arti popolari u fl-istess ħin huma xiehda ta' devozzjoni popolari ta' l-imgħoddi.

Dawn huma l-korpi santi ta' San Onorato miġjub f'din il-knisja fl-1825, ta' Santa Klara, li ilu meqjum hawnhekk sa mis-sena 1832 u ta' San Paċifiku.

Fil-gżejjer tagħna dawn il-korpi santi huma komuni ħafna u fil-biċċa kbira tagħhom huma kollha merfugħa u mogħtija ġieħ fl-altari tal-kor. Bħala eżempji, insemmu n-Naxxar, il-Qrendi, Ħal Għargħur, Ħal Kirkop u knejjes oħra.

Insibu wkoll eżempji fejn dawn huma merfugħa f'niċċa taħt il-kwadru titulari jew laterali bħal ma naraw fil-Mosta, Ħ'Attard, Ħal Balzan, Ħal Qormi u knejjes oħra.

Insibu wkoll Parroċċi oħra fejn dawn huma meqjuma fil-mensoli ta' l-altari laterali bħal San Filippu l-Isla, is-Siġġiewi, Ħaż-Żebbuġ, Ħaż-Żabbar u kif ukoll fil-kolleġjata ta' Bormla li kif rajna waslu fis-seklu dsatax.

Il-Bormliżi ta' dawk iż-żminijiet, barra li kienu kapaċi jordnaw tliet korpi santi mill-isbaħ, ingastawhom fl-altari li semmejna, iżda ma waqfux hawn għaliex b'sengħa kbira għamlu niċċa mill-isbaħ fil-mensi ta' dawn l-altari.

Ta' l-altar ta' San Dimitri u ta' San Mark għandhom l-istess disinn elaborat ta' stil Barokk iżda ta' l-altar ta' San Kristoforu mhux daqshekk elaborat.

It-tlieta li huma fihom grada tal-ħadid li hi l-istess u mad-dawra ta' din il-grada wieħed jista' jara gwarniċa ta' l-injam indurata bid-deheb. Id-dawl f'dawn in-niċeċ jgħin biex wieħed jista' jara x-xogħol u r-relikwi ta' dawn ix-xbihat.

Iżda forsi hawnhekk wieħed jista' jistaqsi x'inhu korp sant?

Fil-biċċa l-kbira tagħhom dawn il-korpi santi huma tal-kartapesta. Din kienet sengħa li kienet fl-aqwa tagħha fis-seklu dsatax.

L-irjus, l-idejn u s-saqajn ta' dawn ix-xbihat fil-biċċa kbira tagħhom ikunu kollha sħaħ. Il-kumplament, imbagħad ikun kollu miksi bi drappijiet fini bħal bellus, ħarir u satin u mdawwar bil-glalen tad-deheb, iżda l-aqwa ħaġa f'dawn ix-xbihat huma ir-relikwi diversi mqiegħda f'partijiet differenti ta' dan il-korp sant u li dawn ikunu magħluqa fil-ħġieġ.

Mistoqsija komuni ħafna hi din. Minn fejn ġew dawn ir-relikwi?

Nistgħu ngħidu li fil-biċċa kbira tagħhom dawn ġew miċ-ċimiterji antiki ta' Ruma, l-



*San Paċifiku miġjub fil-knisja fl-1830.*

*Santa Klara miġjuba fil-knisja fl-1832.*





*San Onorato miġjub fil-knisja fl-1825.*

aktar minn dak magħruf bħala "ta' San Kallistu" u li fih indifnu l-ewlenin martri tal-Knisja, li sofrew il-martirju fil-persekuzzjoni Rumana.

Dawn iċ-ċimiterji kemm-il darba saru fihom skavi interessanti li minnhom ħarġu bosta tifkiriet ta' dawn l-ewlenin martri u bħala sinjal ta' għożża dawn ġew imqassma f'partijiet madwar id-dinja. Kienet użanza komuni ħafna li l-Papa jew l-Isqfijiet jagħtu lil xi sultan rigal ta' relikwi ta' dawn il-martri.

Numru mhux ħażin minn dawn ir-relikwiji għeżież waslu fil-gżejjer tagħna u l-poplu tagħna, b'sengħa kbira ingastaw dawn ir-relikwi f'dawn il-korpi santi u bdew jagħtuhom qima kbira fil-knejjes tagħna.

Fil-biċċa l-kbira tagħhom ma' dawn il-korpi santi l-Awtoritajiet tal-Knisja taw ukoll il-bolla tal-awtentiċità tar-relikwi li fil-biċċa kbira tagħhom dawn għadhom merfugħa fil-Parroċċi tagħna.

Il-qima kbira lejn dawn il-korpi santi wasslet biex f'bosta parroċċi tagħna kienu jsiru festi kbar f'ġieħ dawn ix-xbihat u l-istess qima kienet tingħata fil-jum tal-festa tar-relikwiji mqaddsa.

L-ismijiet ta' bosta tfal kienu jingħataw f'ġieħ dawn il-korpi santi, u kien popolari l-isem Paċifiku fil-Mosta, Vittorju fin-Naxxar, Coronato fin-Nadur, Fortunato fiż-Żebbuġ, Piju fl-Imġarr, Fawstinu f'Ħaż-Żabbar u tant oħrajn.

F'Bormla, l-korpi santi li semmejna kienu wkoll jiġu mogħtija l-aqwa ġieħ u kienu jgawdu devozzjoni kbira, iżda dawn id-devozzjonijiet qatt ma kienu esaġerati.

Illum il-qima lejn dawn ix-xbihat ġiet kważi fix-xejn, anzi uħud minna l-anqas biss jagħtu kas tagħhom. U din hi ħasra għaliex dawn il-korpi santi huma xiehda ta' devozzjoni popolari li kienet għażiża ħafna fil-qlub tal-poplu tagħna ta' l-imgħoddi.


